

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11076/26

COPEN 241
JAI 877
EJUSTICE 32
DROIPEN 116
IXIM 144

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 284 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali bejn l-Istati Membri permezz tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 284 final.

Mehmuż: COM(2026) 284 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.6.2026
COM(2026) 284 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali bejn l-Istati Membri
permezz tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)**

{SWD(2026) 152 final}

1. Introduzzjoni

L-għan tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS) huwa li ttejjeb is-sigurtà fiż-Żona Ewropea ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, billi tippermetti skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kundanni kriminali preċedenti mogħtija minn qrati kriminali fl-UE. L-ECRIS bdiet topera f'April 2012. Hija rregolata mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali bejn l-Istati Membri¹. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI tas-6 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali ġiet issositwita bid-Direttiva (UE) 2019/884, iżda għadha vinkolanti għad-Danimarka u għall-Irlanda².

Fid-29 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni adottat l-ewwel Rapport Statistiku tagħha skont l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, li kien ikopri l-perjodu bejn April 2012 u l-31 ta' Diċembru 2016.³ It-tieni Rapport Statistiku tal-Kummissjoni, adottat fil-21 ta' Diċembru 2020, kopra l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2019⁴.

Dan ir-rapport⁵ huwa t-tielet Rapport Statistiku tal-Kummissjoni rigward l-iskambju ta' informazzjoni estratta mir-rekords kriminali bejn l-Istati Membri permezz tal-ECRIS. L-għan tiegħu huwa li jivvaluta l-konformità tal-iskambji tal-Istati Membri mal-qafas legali tal-ECRIS u li jidentifika kwalunkwe kwistjoni rigward l-effiċjenza tas-sistema, bl-għan li s-sitwazzjoni tiġi rrimedjata. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tiegħu kull azzjoni xierqa biex tiżgura li l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI.

Dan ir-rapport għe adottat qabel tibda taħdem is-sistema ECRIS-TCN, li se tissupplimenta l-ECRIS b'mekkaniżmu effiċjenti għall-iskambju ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi kkundannati⁶, sabiex jiġu analizzati l-iskambji ta' informazzjoni tal-Istati Membri qabel ma tibda taħdem din is-sistema l-ġdida.

1.1. Statistika tal-ECRIS

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-użu tal-ECRIS fil-perjodu ta' 5 snin bejn **l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2024**. Huwa akkumpanjat mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD/2026/152 ("l-SWD"). Ċerta statistika fir-rapport tagħti ħarsa ġenerali lejn l-operat tal-ECRIS fuq perjodu ta' 13-il sena, minn meta bdiet taħdem f'April tal-2012. Madankollu, id-data statistika komparattiva dwar l-Istati Membri kollha u t-tabelli statistiċi tal-Istati Membri individwali fit-Taqsima 3 tal-SWD ikopru l-iskambji tal-ECRIS fl-aħħar 5 snin, bejn l-2020 u l-2024. Fejn rilevanti, l-istatistika għas-snin preċedenti ntużat bħala punt ta' referenza. Ir-rapport jinkludi wkoll **data dwar l-iskambji mar-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020**.⁷

¹ ĠU L 93, 7.4.2009, p. 23 - kif emendata bid-Direttiva (UE) 2019/884, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 143.

² ĠU L 93, 7.4.2009, p. 33. Din id-Deċiżjoni ġiet issositwita mid-Direttiva (UE) 2019/884 fir-rigward tal-Istati Membri marbuta bid-Direttiva – mit-28 ta' Ġunju 2022.

³ COM/2017/341 final; SWD/2017/242 final.

⁴ COM/2020/778 final; SWD/2020/378 final.

⁵ Abbażi tal-Artikolu 13a(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI.

⁶ Ara t-Taqsima 2.9.

⁷ Ir-Renju Unit kien Stat Membru tal-UE sal-31 ta' Jannar 2020, iżda abbażi tal-Artikolu 127(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, kompli jiskambja informazzjoni permezz tal-ECRIS matul il-perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Bħalissa, ir-Renju Unit jiskambja informazzjoni dwar rekords kriminali mal-Istati Membri tal-UE abbażi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

Ir-rapport huwa bbażat fuq l-istatistika ġġenerata awtomatikament mis-sistema u li sussegwentement intbagħtet lill-Kummissjoni mill-Istati Membri. Mill-233 indikatur statistiku stabbilit għall-ECRIS, saret għażla sabiex tiġi ppubblikata biss l-aktar informazzjoni rilevanti u sinifikanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri ntalbu jibagħtu l-istatistika dwar l-għadd ta' kundanni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra mogħtija fit-territorju tagħhom, biex il-Kummissjoni tkun tista' tipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif tiġi implimentata l-proċedura ta' notifika. Ir-rapport jinkludi d-data dwar il-kundanni li waslet minn kull wieħed mis-27 Stat Membru u mir-Renju Unit għall-2020.

1.2. Prinċipji ġenerali tas-sistema ECRIS

L-ECRIS hija bbażata fuq arkitettura deċentralizzata, fejn l-informazzjoni tar-rekords kriminali tiġi skambjata elettronikament u esklużivament bejn l-Awtoritajiet Ċentrali tal-Istati Membri.

Kull Stat Membru li jkun ikkundanna ċittadin ta' Stat Membru ieħor huwa obligat jinnotifika mill-aktar fis possibbli lil dak l-Istat Membru ("Stat Membru tan-nazzjonalità") permezz tal-ECRIS bl-informazzjoni kollha relatata mal-kundanna (**notifiki ta' kundanni ġodda**), u bi kwalunkwe aġġornament sussegwenti (**notifiki ta' aġġornamenti**).

Għaldaqstant l-Istat Membru tan-nazzjonalità jżomm repożitorju ċentrali tal-kundanni kollha mogħtija fil-konfront ta' ċittadini tiegħu minn qrati kriminali fi Stati Membri oħra tal-UE, minbarra kwalunkwe kundanna mogħtija fl-Istat Membru nnifsu. Imbagħad l-Istat Membru tan-nazzjonalità ikun obligat jaħżen u jaġġorna l-informazzjoni kollha li jirċievi permezz tal-ECRIS u jipprovdi informazzjoni dwar ir-rekords kriminali (**tweġibiet għal talbiet**) meta jintalab jagħmel dan minn Stat Membru ieħor (**talbiet għall-informazzjoni**) fi żmien **skadenzi qosra ta' 10 ijiem jew 20 jum**.⁸

1.3. Sommarju eżekuttiv

Aktar minn 10 snin wara t-tnedija tagħha, l-ECRIS laħqet **stadju importanti fl-2022, meta s-27 Stat Membru kollha saru interkonnessi għalkollox** u ġie stabbilit u stabbilizzat l-għadd massimu possibbli ta' 702 interkonnessjonijiet. Dan jiżgura li l-informazzjoni dwar ir-rekords kriminali tkun tista' tiġi skambjata madwar l-UE mingħajr ostakli tekniċi.

Wara perjodu kajman ikkawżat mill-pandemija u mill-Brexit, il-volum ta' skambji beda jikber mill-ġdid, u laħaq kważi 4,8 miljun messaġġ fl-2024, b'medja ta' 400 000 fix-xahar. Mill-2017, l-istruttura tal-iskambji nbidlet b'mod konsiderevoli – it-talbiet għall-informazzjoni issa jaqbżu n-notifiki ta' kundanni bi kważi ħames darbiet.

L-għadd ta' kundanni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra naqas b'mod sinifikanti fl-2020, għal madwar 250 000 fis-sena u baqa' f'dan il-livell minn dak iż-żmien; dan wassal għal **inqas notifiki ta' kundanni ġodda**. Fl-2024, l-għadd ta' notifiki niżel għal 260 000, simili għal-livell tal-2014. **L-Istati Membri kollha issa jittrażmettu n-notifiki ta' kundanni ġodda**, u ħafna eliminaw **in-notifiki akkumulati** tagħhom, iżda mhux il-kundanni kollha jiġu nnotifikati, b'mod partikolari mid-Danimarka, l-Irlanda, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u r-Rumanija.

⁸ Għal deskrizzjoni dettaljata tal-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-ECRIS, ara t-Taqsima 1 tal-SWD.

L-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni kompli jżied b'mod kostanti, u laħaq il-1,2 miljun fl-2024. L-2019 gābet magħha **bidla sħiħa fl-użu tal-ECRIS**, li **spiss kienet qed tintuża aktar għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali**. Fl-2024 it-talbiet ta' dan it-tip kienu jirrappreżentaw **56 % tat-talbiet kollha** u kienu jikkonċernaw prinċipalment verifiki għar-reklutaġġ f'impjiegi li jinvolvu kuntatt mat-tfal jew talbiet minn individwi li jkunu qed ifittxu informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tagħhom stess.

Madankollu, **bosta Stati Membri** xorta għadhom jagħmlu **użu limitat mill-ECRIS biex jitolbu informazzjoni dwar ir-rekords kriminali**, fosthom il-Greċja, il-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta u s-Slovenja. Filwaqt li xi Stati Membri (il-Belġju, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, is-Slovenja u s-Slovakkja) jużaw l-ECRIS **esklużivament jew kważi esklużivament għal finijiet ta' proċedimenti kriminali**, oħrajn jitolbu informazzjoni **kważi esklużivament għal finijiet oħra** (iċ-Ċekja, Ċipru, il-Greċja u Spanja).

Fl-2024, 16,6 % biss tat-tweġibiet kien fihom informazzjoni dwar kundanni preċedenti, li jirrifletti s-sehem dejjem akbar ta' talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali. Madankollu, aktar minn 197 000 tweġiba żvelaw l-eżistenza ta' kundanni preċedenti.

Ir-rati ta' rispons tjiebu b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-2019, bl-għadd ta' tweġibiet li jintbagħtu tard jonqos bin-nofs u l-għadd ta' talbiet li għalihom l-iskadenza kienet għaddiet jonqos b'aktar minn ħames darbiet. Madankollu, 9,7 % tat-tweġibiet xorta ntbagħtu wara l-iskadenza legali, u 38 000 talba skadew mingħajr ma rċevew tweġiba.

Minkejja x-xejra **pożittiva fl-għadd ta' aġġornamenti** (254 000 fl-2024), xi Stati Membri xorta jittirazzmettu biss ftit aġġornamenti (il-Bulgarija, il-Greċja, l-Irlanda u Malta) jew xejn (l-Estonja u s-Slovenja).

Kien hemm **żieda inkwetanti fl-għadd ta' talbiet mhux imwieġba** – 317 000 talba (5,8 % tat-talbiet kollha) ma rċevew l-ebda tweġiba bejn l-2020 u l-2024, l-aktar minn Ċipru, il-Bulgarija, il-Kroazja, Spanja u l-Greċja. Iż-żieda fit-tendenza li jinkiser l-obbligu ta' tweġiba għat-talbiet għall-informazzjoni hija allarmanti, minħabba l-konsegwenzi potenzjalment traġiċi tagħha.

L-għadd ta' skambji li jikkonċernaw ċittadini ta' pajjiżi terzi għadu limitat (88 000 – 7 % tat-talbiet kollha), għalkemm huwa mistenni li jżiedu malli tibda taħdem l-ECRIS-TCN fl-2027.

2. Skambji tal-ECRIS f'ċifri

2.1. Stati Membri konnessi

L-ECRIS hija sistema deċentralizzata fejn l-Istati Membri kollha għandhom ikunu interkonnessi ma' xulxin. Stat Membru jitqies li jkun konness mal-ECRIS jekk jiskambja informazzjoni dwar rekords kriminali ma' tal-anqas Stat Membru konness ieħor.

Intlaħaq **stadju importanti ieħor fl-istorja tal-ECRIS – l-Istati Membri kollha bħalissa huma konnessi mal-ECRIS** u jiskambjaw informazzjoni dwar rekords kriminali **mal-Istati Membri l-oħra kollha**.⁹


⁹ Għall-istorja tal-konnessjoni man-network tal-ECRIS, ara t-Taqsima 2.1 tal-SWD.

Is-sistema ECRIS bdiet taħdem fl-2012, b'total ta' 173 interkonnessjoni minn 702 possibbli f'dak iż-żmien (27 Stat Membru konness). Sa tmiem l-2019 kienu ġew stabbiliti 670 interkonnessjoni (90 % tas-756 possibbli). Kien biss fl-2022, wara 10 snin ta' tħaddim tal-ECRIS, li ġew **stabbiliti s-702 interkonnessjonijiet possibbli kollha**¹⁰ bejn l-Istati Membri u dawn baqgħu stabbli minn dakinhar.

➤ **Is-27 Stat Membru huma kollha konnessi mal-ECRIS u jiskambjaw informazzjoni dwar rekords kriminali mal-Istati Membri l-oħra kollha**
 Wara 10 snin ta' tħaddim, intlaħaq stadju importanti ieħor fl-istorja tal-ECRIS – **fl-2022, is-702 interkonnessjonijiet possibbli kollha** bejn l-Istati Membri kienu ġew stabbiliti u baqgħu stabbli minn dakinhar.

2.2. Għadd totali ta' messaġġi skambjati

Il-graff ta' hawn taħt turi l-volum annwali dejjem jikber ta' messaġġi skambjati bejn l-Istati Membri konnessi kollha minn April tal-2012, meta l-ECRIS bdiet taħdem, sal-31 ta' Diċembru 2024. Ta' min jinnota li fl-2012 kien hemm biss 8 xhur ta' attività. It-tipi kollha ta' messaġġi huma inklużi f'dawn il-volumi: notifikati, aġġornamenti, talbiet, tweġibiet, ċaħdiet, tweġibiet oħra u skambji ta' informazzjoni addizzjonali.




¹⁰ Dan l-għadd iqis l-għadd attwali ta' Stati Membri, wara l-Brexit, jiġifieri 27 (27*26).

Il-volum annwali ta' messaġġi kien qed **jikber b'rata mgħaġġla sal-2019**, meta laħaq kważi **4,2 miljun**, b'medja ta' 348 000 messaġġ fix-xahar. Il-perjodu tal-pandemija u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li rriżultaw għabu **stabbilizzazzjoni** ta' dan l-għadd **fl-2020**, u mbagħad **tnaqqis qawwi fl-2021** għal **3,8 miljun** messaġġ. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-ECRIS fl-1 ta' Jannar 2021 ukoll ikkontribwixxa għal dan it-tnaqqis. Fl-2022, il-volum ta' messaġġi reġa' beda jikber b'mod kostanti biex laħaq kważi **4,8 miljun fl-2024**, b'medja ta' **400 000 messaġġ fix-xahar**.

Il-graff ta' hawn taħt turi x-xejra fit-talbiet mibgħuta, fit-tweġibiet għat-talbiet, fin-notifiki ta' kundanni ġodda u fin-notifiki ta' aġġornamenti fuq perjodu ta' 13-il sena ta' tħaddim tal-ECRIS. It-tweġibiet jinkludu tweġibiet għal talbiet, ċaħdiet għal talbiet u tweġibiet oħra.¹¹

¹¹ Tweġibiet oħra huma pereżempju t-tweġibiet bis-sejba ta' aktar minn persuna waħda, b'persuna li ma tkunx ċittadin tal-Istat Membru rikjest, eċċ.



Il-proporzjonijiet bejn l-għadd ta' notifiki ta' kundanni ġodda, talbiet u tweġibiet għal talbiet bdew jinbidlu b'mod radikali mill-2017. Minn ammonti kważi ugwali għal kull waħda minn dawn it-tliet kategoriji fl-2016, li jammontaw bejn wiehied u ieħor għal 350 000 fis-sena għal kull kategorija, l-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni u l-għadd relatat ta'

tweġibiet għal talbiet saru tliet darbiet oġhla mill-għadd ta' notifikasi fis-snin 2019 u 2020, biex finalment **qabżu l-għadd ta' notifikasi bi kważi ħames darbiet fl-2023 u fl-2024.**

Fl-2020, **l-għadd ta' notifikasi** ta' kundanni ġodda zdieg għal 340 000¹², biex reġa' naqas fl-2021 **qabel ma stabbilizza f'livell pjuttost baxx** ta' madwar **260 000 fis-sena sal-aħħar tal-2024**, ekwivalenti għal-livell ta' notifikasi tal-2014. Minħabba n-network dejjem jikber ta' interkonnessjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fatt li, meta mqabbel mal-perjodu tar-rapportar preċedenti, inqas Stati Membri kellhom problemi biex jinnotifikaw il-kundanni l-ġodda kollha¹³, din il-bidla tissuġġerixxi **tnaqqis fl-għadd ta' kundanni** ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra.

B'kuntrast ma' dan, **l-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni** u t-tweġibiet relatati **beda jikber b'mod kostanti – b'25 % mill-2020** – u laħaq total ta' **1,2 miljun** għal kull waħda minn dawn il-kategoriji **fl-2024**. Din iż-żieda ma hijiex daqshekk drammatika daqs dik tal-perjodu ta' referenza preċedenti¹⁴, meta seħħet il-bidla ewlenija fl-użu tal-ECRIS, **b'finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali jisbqu bi tliet darbiet dawk relatati ma' proċedimenti kriminali** (għal aktar dettalji, ara t-Taqsim 2.8). It-tkabbir kostanti fl-għadd ta' talbiet matul it-13-il sena li fihom l-ECRIS ilha taħdem huwa wkoll sinjal pożittiv tal-għarfien dejjem jikber tal-Istati Membri dwar il-ħtieġa li jużaw is-sistema biex jitolbu informazzjoni matul il-proċedimenti kriminali biex ikunu jistgħu jittqiesu l-kundanni preċedenti, f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/675/ĠAI.¹⁵

➤ **L-għadd ta' messaġġi skambjati reġa' zdieg wara l-pandemija biex laħaq 4,8 miljun fl-2024**

Il-perjodu tal-pandemija, ir-restrizzjonijiet relatati fuq l-ivvjaġġar u l-Brexit **ikkawżaw tnaqqis kbir** fl-għadd ta' messaġġi skambjati għal 3,8 miljun fl-2021. Fl-2022, il-volum ta' messaġġi reġa' beda jzdieg b'mod kostanti biex laħaq kważi **4,8 miljun fl-2024**, **b'medja ta' 400 000 messaġġ fix-xahar**. **Il-proporzjonijiet ta' notifikasi ta' kundanni, talbiet u tweġibiet għal talbiet inbidlu b'mod radikali mill-2017**, bl-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni jaqbeż l-għadd ta' notifikasi bi kważi ħames darbiet fl-2024.

2.3. Għadd ta' notifikasi, talbiet u tweġibiet skont l-Istat Membru

Il-graff ta' hawn taħt turi l-għadd totali ta' talbiet, tweġibiet għal talbiet, notifikasi ta' kundanni ġodda u notifikasi ta' aġġornamenti mibgħuta għal kull Stat Membru matul il-5 snin mill-2020 sal-2024.¹⁶

¹² Din iż-żieda kienet ikkawżata primarjament mir-Renju Unit li baġhat 95 000 notifika akkumulati fl-2020 (it-triplu tal-għadd tas-soltu ta' notifikasi mibgħuta kull sena mir-Renju Unit) qabel ma ħareġ mill-ECRIS.


¹³ Kif indikat fit-Taqsim 2.4. hawn taħt.

¹⁴ Il-perjodu ta' bejn l-2017 u l-2019, kopert mit-Tieni Rapport Statistiku.

¹⁵ ĠU L 220, 15.8.2008, p. 32.

¹⁶ Għad-data annwali f'dan il-perjodu, ara t-Taqsim 2.2. tal-SWD.

Għadd totali ta' talbiet, tweġibiet, notifikati ta' kundanni ġodda u notifikati ta' aġġornamenti, għal kull Stat Membru, 2020 - 2024



Bħal fis-snin preċedenti, l-aktar Stati Membri attivi f'termini ta' volum totali ta' dawn l-erba' tipi ta' messaġġi kienu l-Ġermanja (25 % tal-messaġġi kollha bħal dawn skambjati), il-Polonja (4,2 %), ir-Rumanija (4,2 %), l-Italja (3,7 %) u Spanja (3,5 %).

Iċ-ċifri juru **differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'termini tal-użu tal-ECRIS u l-ammont ta' xogħol**. Uħud mill-Istati Membri **jitolbu informazzjoni ħafna aktar ta' sikwit milli jiġu mitluba** jipprovdu informazzjoni. Il-Ġermanja, pereżempju, issottomettiet kważi 4 miljun talba bejn l-2020 u l-2024 iżda rċeviet biss 198 000 talba u l-Iżvezja bagħtet 142 000 talba meta mqabbla mat-42 200 li rċeviet.¹⁷ Bil-maqlub ta' dan, bosta Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' **għadd sinifikanti ta' talbiet**, iżda ftit jibagħtu talbiet huma stess: eż. ir-Rumanija (901 000 tweġiba mogħtija meta mqabbla ma' 19 400 talba mibgħuta), il-Polonja (835 000 kontra 55 600), l-Italja (622 000 kontra 4 800).¹⁸ Stati Membri oħra **jibagħtu volumi għoljin ta' notifiki** ta' kundanni ġodda lill-Istati Membri tan-nazzjonalità tal-awtur tar-reat, filwaqt li jibagħtu inqas talbiet għall-informazzjoni, fosthom il-Belġju (135 000 notifika mibgħuta, 53 300 talba mibgħuta), l-Italja (86 600 notifika, 4 800 talba) u l-Greċja (40 800 notifika, 12-il talba).

➤ **Differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri f'termini ta' attivitajiet u ammont ta' xogħol fl-ECRIS**

Xi Stati Membri jibagħtu konsiderevolment aktar **talbiet għall-informazzjoni milli jirċievu** (il-Ġermanja, l-Iżvezja u l-Awstrija), filwaqt li oħrajn iħabbtu wiċċhom ma' **ammont ta' xogħol sinifikanti biex iwieġbu għal dawn it-talbiet** (ir-Rumanija, il-Polonja, l-Italja, Franza, il-Kroazja, il-Bulgarija u l-Greċja). L-ammont ta' xogħol għal xi Stati Membri oħra (il-Belġju, l-Italja u l-Greċja) jinħoloq l-aktar minħabba **l-għadd kbir ta' notifiki** dwar kundanni ġodda li jibagħtu lill-Istati Membri tan-nazzjonalità tal-awturi tar-reat.

2.4. Notifiki


Il-graff ta' hawn taħt turi l-volum totali ta' kundanni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra, in-notifiki korrispondenti ta' dawn il-kundanni u n-notifiki ta' aġġornamenti mibgħuta minn kull Stat Membru matul il-5 snin, mill-2020 sal-2024.¹⁹

¹⁷ Bl-istess mod, l-Awstrija (226 300 talba mibgħuta, 154 000 talba riċevuta) u ċ-Ċekja (191 300 mibgħuta, 126 500 riċevuti).

¹⁸ Bl-istess mod, Franza (254 000 tweġiba mogħtija kontra 83 500 talba mibgħuta), il-Kroazja (239 400 kontra 16 300), il-Bulgarija (238 000 kontra 1 300), il-Greċja (236 000 kontra 12), is-Slovakkja (209 000 kontra 6 400) u l-Ungerija (199 000 kontra 2 700).

¹⁹ Għad-data annwali matul dan il-perjodu, ara t-Taqsima 2.3. tal-SWD.

Għadd totali ta' kundanni u notifiki (ta' kundanni
 ġodda u aġġornamenti), għal kull Stat Membru, 2020 - 2024



Matul il-perjodu tar-rapportar, ingħataw **1 270 000 kundanna ġdida lil ċittadini ta' Stati Membri oħra** fl-Istati Membri, b'medja ta' **250 000 kundanna fis-sena**. L-għadd ta' kundanni naqas b'mod sinifikanti fl-2020 u baqa' fl-istess livell minn dak iż-żmien, u dan irriżulta fi tnaqqis fl-għadd ta' notifiki ta' kundanni ġodda.

B'kollox, l-Istati Membri bagħtu madwar **1,4 miljun notifika ta' kundanni ġodda u 1,4 miljun notifika ta' aġġornamenti** f'dan il-perjodu.

L-għadd ta' notifiki mibgħuta varja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, minn 556 000 notifika ta' kundanni ġodda mibgħuta mill-Ġermanja sa 800 notifika bħal din mibgħuta mil-Litwanja u mill-Estonja fil-5 snin. Żewġ fatturi, b'mod partikolari, jispjegaw dawn il-varjazzjonijiet: id-daqs tal-pajjiż u l-għadd ta' kundanni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra (il-popolazzjoni ċittadini tal-UE mhux ċittadini tal-Istat Membru).²⁰

L-aktar Stati Membri attivi f'termini ta' trażmissjoni ta' notifiki ta' kundanni ġodda kienu l-Ġermanja (40 % tan-notifiki kollha bħal dawn), il-Belġju (9,6 %) u Spanja (9,3 %). Il-klassifikazzjoni hija simili għan-notifiki ta' aġġornamenti: il-Ġermanja (49 %), Spanja (15 %) u Franza (9 %).

Fil-perjodu tar-rapportar ta' bejn l-2020 u l-2024, **il-proporzjonijiet rispettivi tan-notifiki ta' kundanni ġodda u tan-notifiki ta' aġġornamenti varjaw madwar 50 %**. B'mod partikolari, fl-2024 dawn in-notifiki kienu jammontaw għal 51 % u 49 % rispettivament, meta mqabbla ma' 58 % u 42 % fis-sena ta' referenza 2019. Ta' min jinnota li qabel l-2018 l-aġġornamenti kienu jirrappreżentaw biss madwar terz tan-notifiki kollha. **Iż-żieda sinifikanti attwali fl-għadd ta' aġġornamenti** għal ħafna Stati Membri għandha titqies bħala sinjal pożittiv tal-għarfien tagħhom dwar l-importanza li jikkomunikaw il-bidliet sussegwenti tan-notifiki inizjali.

Il-proporzjonijiet rispettivi tan-notifiki ta' kundanni ġodda u n-notifiki ta' aġġornamenti varjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, mill-għadd ta' aġġornamenti jkun erba' darbiet oġhla (fil-każ tal-Polonja) jew aktar mid-doppju (fil-każ tal-Awstrija u l-Ċekja) mill-għadd ta' notifiki inizjali, għal proporzjonijiet bejn wieħed u ieħor ugwali taż-żewġ kategoriji ta' notifiki (fil-każ tal-Italja, tan-Netherlands u tal-Ungerija) sa aġġornamenti li jammontaw għal parti żgħira tan-notifiki kollha (fil-każ tal-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, Malta u r-Rumanija). Għall-Ġermanja, Spanja u Franza, li bagħtu l-oġhla għadd totali ta' notifiki fil-perjodu tar-rapportar, l-aġġornamenti kienu jammontaw rispettivament għal madwar 56 %, 61 % u 60 %.

Fir-rigward tal-kwistjoni identifikata fir-Rapporti Statistiċi preċedenti dwar il-fatt li ħafna Stati Membri ma bagħtu ebda notifika ta' kundanni ġodda jew aġġornamenti, jew bagħtu ftit biss, **is-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli bejn l-2020 u l-2024, kemm f'termini tal-għadd ta' Stati Membri li ssodisfaw l-obbligi tagħhom kif ukoll tal-volum ta' informazzjoni notifikata**.

L-ewwel nett, l-Istati Membri kollha issa jibagħtu notifiki ta' kundanni ġodda, madankollu, xi wħud għadhom ma jinnotifikawx il-kundanni kollha mogħtija fit-territorju tagħhom, inkluża d-Danimarka (43 300 notifika nieqsa; 70 % tal-kundanni mhux notifikati), l-Irlanda (42 600; 63 %), is-Slovakkja (3 600; 57 %), ir-Rumanija (800; 43 %) u l-

²⁰ Ara l-istatistika mill-Eurostat: https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=File:Non-national_population_by_group_of_citizenship,_1_January_2024.png.

Lussemburgu (3 000; 15 %). **Minħabba f'hekk, dawn il-kundanni ma ġewx irregjistrati fl-Istati Membri tan-nazzjonalità.**

Min-naħa l-oħra, **ġie osservat fenomenu ġdid** fil-maġġoranza tal-Istati Membri²¹, fejn jintbagħtu **ammonti ta' notifiki ta' kundanni** ġodda li jaqbżu bil-bosta l-għadd attwali ta' **kundanni**. Dan jista' jkun għaliex l-Istati Membri jinnotifikaw **ammont ta' kundanni akkumulati** mis-snin preċedenti.

It-tieni, żewġ Stati Membri (l-Estonja u s-Slovenja) **ma bagħtu l-ebda aġġornament ta' notifiki** preċedenti, u erba' Stati Membri oħra **bagħtu għadd żgħir** ta' aġġornamenti, jiġifieri l-Bulgarija (2), il-Greċja (43), l-Irlanda (476) u Malta (10). In-nuqqas mill-Istat Membru tal-kundanna li jibgħat aġġornamenti **jwassal biex l-Istat Membru tan-nazzjonalità jipproċessa u jxerred informazzjoni mhux affidabbli u mhux aġġornata.**²²

➤ **Inqas kundanni kriminali fl-UE mill-pandemija 'l hawn; dan irriżulta fi tnaqqis fl-għadd ta' notifiki**

L-għadd ta' kundanni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra naqas b'mod sinifikanti fl-2020, minn aktar minn 320 000 fis-snin preċedenti għal **250 000 kundanna** fis-sena, u baqa' f'dan il-livell minn dak iż-żmien, biex wassal għal **tnaqqis fl-għadd ta' notifiki** ta' kundanni ġodda. Fl-2024, l-għadd totali ta' notifiki naqas għal **260 000**, l-għadd irregjistrat fl-2014.

➤ **L-Istati Membri kollha qed jibagħtu n-notifiki ta' kundanni ġodda u akkumulati, iżda xorta mhux il-kundanni kollha jiġu nnotifikati**

Meta mqabbla mal-perjodi ta' rapportar preċedenti, **is-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli bejn l-2020 u l-2024**, u l-Istati Membri kollha issa jibagħtu **notifiki ta' kundanni ġodda**. Barra minn hekk, il-maġġoranza tagħhom innotifikaw għadd ta' kundanni li qabeż bil-bosta l-għadd attwali ta' kundanni ġodda f'dak il-perjodu, li jissuġġerixxi li kienu qed **jinnnotifikaw kundanni akkumulati** minn snin preċedenti.

Madankollu, **xi Stati Membri għadhom ma jinnotifikawx il-kundanni kollha mogħtija fit-territorju tagħhom** (id-Danimarka, l-Irlanda, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u r-Rumanija).

➤ **Minkejja x-xejra pożittiva ta' żieda fl-għadd ta' aġġornamenti, ħafna għadhom ma ġewx innotifikati**

L-għadd ta' **notifiki ta' aġġornamenti** baqa' **jikber kontinwament** biex laħaq **254 000 fl-2024**. L-aġġornamenti kienu jammontaw għal **nofs in-notifiki kollha** mibgħuta, żieda minn 42 % fl-2019. Għalkemm huwa notevoli li aktar Stati Membri qed jibagħtu aġġornamenti tan-notifiki preċedenti, **xi wħud għadhom ma jibagħtu l-ebda aġġornament** (l-Estonja u s-Slovenja) jew **ftit biss** (il-Bulgarija, il-Greċja, l-Irlanda u Malta).

²¹ Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit.


²² Għal analiżi dettaljata tal-istatistika tal-Istati Membri individwali dwar il-kundanni u n-notifiki, ara t-Taqsima 3 tal-SWD.

2.5. Talbiet għall-informazzjoni

Il-graff ta' hawn taħt tqabbel il-volum totali ta' talbiet għall-informazzjoni mibgħuta minn kull Stat Membru bejn l-2020 u l-2024 mal-volum ta' tveġibiet riċevuti u tindika l-perċentwal ta' talbiet li rċevew tveġiba.²³

²³ Għad-data annwali matul dan il-perjodu, ara t-Taqsima 2.4 tal-SWD.

Għadd totali ta' talbiet mibgħuta u tweġibiet riċevuti, għal kull Stat Membru, 2020 - 2024



Fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2024, inħarġu kważi **5,5 miljun talba għall-informazzjoni**. Kif imsemmi fit-Taqsima 2.2, l-**għadd annwali ta' talbiet** **żied b'25 %** mill-2020, u laħaq **1,2 miljun fl-2024**.

L-**għadd ta' talbiet maħruġa varja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri**, minn kważi 4 miljuni mibgħuta mill-Ġermanja għal 12 biss mibgħuta mill-Greċja. Il-fatturi ewlenin li jispjegaw din il-varjazzjoni huma l-għadd ta' **ċittadini ta' Stati Membri oħra** li jirrisjedu fi Stat Membru partikolari u l-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-obbligi għall-preżentazzjoni ta' **ċertifikati ta' rekords kriminali**.

Bħal fis-snin preċedenti, l-**aktar Stat Membru attiv f'termini ta' talbiet maħruġa** kien il-**Ġermanja (73 % tat-talbiet kollha)** bejn l-2020 u l-2024), segwit minn Spanja (4,4 %) u l-Awstrija (4,1 %).²⁴ L-aktar **żieda sinifikanti fl-għadd ta' talbiet** ġiet osservata fl-Iżvezja u fir-Rumanija, li bagħtu ħames darbiet aktar talbiet fl-2024 milli fl-2019, kif ukoll fil-Belġju u fi Spanja, fejn l-għadd ta' talbiet mibgħuta kważi ttrippla.

Minkejja ż-żieda fl-għadd ta' talbiet inġenerali, għadha qed tippersisti l-problema nnotata fir-Rapporti Statistiċi preċedenti ta' xi **Stati Membri li ma jibagħtu kważi l-ebda talba** (il-Greċja) jew **għadd żgħir ta' talbiet** fir-rigward tal-popolazzjoni tagħhom **ċittadini tal-UE** mhux **ċittadini tal-Istat Membru**(il-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta u s-Slovenja).²⁵ Barra minn hekk, bejn l-2020 u l-2024, **l-għadd ta' talbiet mibgħuta naqas b'mod sinifikanti** fi Franza, fl-Irlanda u fl-Italja meta mqabbel mad-data ta' referenza għall-2019. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn il-qrati kriminali jagħtu sentenzi mingħajr ma jkunu jafu dwar il-kundanni mogħtija fi Stati Membri oħra, għall-kuntrarju tar-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni Kwadru 2008/675/ĠAI. Barra minn hekk, l-effett preventiv tat-talba taċ-**ċertifikati tar-rekord kriminali** għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali, bħalma huma verifiki ta' qabel l-impjieg, ikun ostakolat.

Għal aktar analiżi u **diżaggregazzjoni tat-talbiet għal proċedimenti kriminali u għal finijiet oħra**, ara t-Taqsima 2.8.

Id-data ta' hawn fuq turi wkoll li **mhux it-talbiet għall-informazzjoni kollha jiġu mwieġba** (ara wkoll it-Taqsima 2.6.). Mill-Istati Membri li bagħtu l-ogħla għadd ta' talbiet, 7 % tat-talbiet Ġermaniżi (286 000), 5 % tat-talbiet Awstrijaċi (10 500) u sa 15 % tat-talbiet Portugiżi (21 300) ma ġewx imwieġba fil-perjodu tar-rapportar. Għall-kuntrarju ta' dan, għal Spanja, l-għadd ta' tweġibiet riċevuti f'dan il-perjodu qabeż il-11 % tal-għadd tat-talbiet li għamlet, aktarx minħabba li rċeviet it-tweġibiet akkumulati minn Stati Membri oħra.

➤ **Talbiet għall-informazzjoni li laħqu 1,2 miljun wara żieda bil-mod iżda kostanti L-għadd annwali ta' talbiet għall-informazzjoni żdied b'mod kostanti b'25 % mill-2020, u laħaq 1,2 miljun fl-2024. Madankollu, dan it-tkabbir ma kienx daqshekk drammatiku bħal fil-perjodu ta' referenza preċedenti.**

L-għadd ta' talbiet maħruġa kompla jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri, minn 4 miljuni mibgħuta mill-Ġermanja (73 % tat-talbiet kollha) għal 12 biss mibgħuta mill-Greċja fil-perjodu tar-rapportar ta' 5 snin.

²⁴ Segwiti miċ-Ċekja (3,5 % tat-talbiet kollha mibgħuta bejn l-2020 u l-2024), l-Iżvezja (2,6 %), il-Portugall (2,5 %) u n-Netherlands (2,2 %).

²⁵ Il-Bulgarija bagħtet total ta' 1 300 talba bejn l-2020 u l-2024, filwaqt li l-Estonja bagħtet 4 350, l-Ungerija – 2 700, l-Irlanda – 5 100, l-Italja – 4 800, il-Latvja – 1 800, Malta – 370 u s-Slovenja – 2 500.

➤ **L-ECRIS xorta għadha ma tintużax dejjem biex tintalab informazzjoni dwar kundanni preċedenti**

Minkejja ż-żieda fl-għadd totali ta' talbiet, il-problema nnotata fir-Rapporti Statistiċi preċedenti ta' **xi Stati Membri li ma bagħtu kważi ebda talba** (il-Greċja) jew **li bagħtu biss ftit talbiet** fir-rigward tal-popolazzjoni ċittadini tal-UE mhux ċittadini tal-Istat Membru (il-Bulgarija, l-Estonja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta u s-Slovenja) għadha tippersisti u tikkonċerna l-aktar l-**istess Stati Membri**.

Diversi Stati Membri **jużaw l-ECRIS esklużivament jew kważi esklużivament għal finijiet ta' proċedimenti kriminali** (il-Belġju, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, is-Slovenja u s-Slovakkja). Stati Membri oħra jitolbu informazzjoni **kważi esklużivament għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali** (iċ-Ċekja, Ċipru, il-Greċja u Spanja).


2.6. Tweġibiet għat-talbiet

Il-graff ta' hawn taħt turi l-għadd totali u l-perċentwal tat-tweġibiet mibgħuta minn kull Stat Membru bejn l-2020 u l-2024, meta mqabbla mal-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni korrispondenti riċevuti.²⁶

²⁶

Għad-data annwali f'dan il-perjodu, ara t-Taqsima 2.5 tal-SWD.

Għadd totali ta' talbiet riċevuti u twegġibiet mibgħuta, għal kull Stat Membru, 2020 - 2024



L-Istati Membri bagħtu total ta' kważi **5,2 miljun tweġiba għal talbiet għall-informazzjoni** bejn l-2020 u l-2024. L-**għadd ta' talbiet riċevuti** f'dan il-perjodu **varja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri**, mid-933 000 li rċeviet ir-Rumanija u t-884 000 li rċeviet il-Polonja għall-4 400 talba li rċeviet Malta. Żewġ fatturi, b'mod partikolari, jispjegaw dawn il-varjazzjonijiet: il-popolazzjoni kumplessiva ta' kull Stat Membru, u l-għadd ta' ċittadini tiegħu li jgħixu fi Stati Membri oħra.

L-Istati Membri li **wieġbu għall-ogħla għadd ta' talbiet** f'termini assoluti (jiġifieri mhux neċessarjament l-ogħla proporzjonalment għal dawk li rċevew) fil-perjodu tar-rapportar ta' 5 snin kienu r-Rumanija (901 000 tweġiba – 17,5 % tat-tweġibiet kollha mibgħuta permezz tal-ECRIS), il-Polonja (835 000 – 16 %) u l-Italja (621 000 – 12 %).²⁷

Għalkemm l-Istati Membri kollha jwieġbu għat-talbiet inġenerali, bejn l-2020 u l-2024 xorta waħda **317 000 talba għal informazzjoni ma rċevew l-ebda tweġiba**. Sa **terztal-Istati Membri** bagħtu inqas tweġibiet mill-għadd ta' talbiet li rċevew, b'medja ta' **madwar 5,8 % tat-talbiet li baqgħu mhux imwieġba, żieda minn 4,1 % fl-2019 u 3,6 % fl-2016**. Din **it-tendenza dejjem tikber li ma jiġix issodisfat l-obbligu li jiġu mwieġba t-talbiet għall-informazzjoni** hija allarmanti, minħabba l-konsegwenzi potenzjalment traġiċi tagħha.

Fost l-Istati Membri li rċevew l-ogħla għadd ta' talbiet, il-Bulgarija naqset milli twieġeb għal 31 % tat-talbiet li rċeviet (105 000), il-Kroazja għal 15,5 % (44 000), Spanja għal 15 % (39 800), il-Greċja għal 14 % (39 800), il-Polonja għal 5,5 % (49 000), Franza għal 4 % (10 400) u r-Rumanija għal 3,4 % (32 000). L-Italja, l-Istat Membru li rċieva t-tielet l-ogħla għadd ta' talbiet, irnexxielha twieġeb għal kważi kollha kemm huma.

Ċipru kien l-Istat Membru bl-**ogħla perċentwal ta' talbiet mhux imwieġba** (62 % tat-talbiet riċevuti). B'kuntrast ma' dan, fil-Latvja, fil-Litwanja, fl-Irlanda u fil-Portugall, l-għadd ta' tweġibiet mibgħuta f'dan il-perjodu qabeż l-għadd ta' talbiet riċevuti b'1 sa 4 %, li jista' jkun ir-riżultat ta' tweġibiet akkumulati mibgħuta. Għal analiżi dettaljata tal-istatistika tal-Istati Membri individwali dwar it-tweġibiet għat-talbiet, ara t-Taqsim 3 tal-SWD.

➤ **Għadd dejjem jikber ta' talbiet għall-informazzjoni mhux imwieġba**
Għalkemm l-Istati Membri kollha jwieġbu għat-talbiet inġenerali, **bejn l-2020 u l-2024 317 000 talba għal informazzjoni ma rċevew l-ebda tweġiba**. Dan huwa ekwivalenti għal **5,8 % tat-talbiet kollha**, meta mqabbel ma' 4,1 % fl-2019. It-tendenza dejjem tikber li jinkiser l-obbligu ta' tweġiba għat-talbiet għall-informazzjoni hija allarmanti, minħabba l-konsegwenzi potenzjalment traġiċi tagħha. L-Istati Membri li naqsu milli jwieġbu għall-ogħla perċentwal tat-talbiet li rċevew kienu Ċipru, il-Bulgarija, il-Kroazja, Spanja u l-Greċja.

2.7. Tweġibiet li ma jirrispettawx l-iskadenzi legali

Kwistjoni rikorrenti oħra hija li t-talbiet ma jiġux imwieġba fl-iskadenzi legali.²⁸ Il-graffs ta' hawn taħt jipprovdu ħarsa ġenerali għall-Istati Membri kollha tal-volumi u l-perċentwali totali


²⁷ Segwiti minn diversi Stati Membri li kull wieħed minnhom kien responsabbli għal madwar 5 % tat-tweġibiet kollha mibgħuta permezz tal-ECRIS: Franza (254 000 tweġiba mibgħuta), il-Kroazja (239 000), il-Bulgarija (238 000) u l-Greċja (235 800).

²⁸ Ara t-Taqsim 1.2 aktar 'il fuq.


tat-tweġibiet mibgħuta wara l-iskadenzi legali bejn l-2020 u l-2024, u ħarsa ġenerali lejn it-talbiet li għadditilhom l-iskadenza għat-tweġiba, irreġistrati fi tmiem kull sena kalendarja.²⁹

²⁹ Għal aktar dettalji, ara l-SWD: id-data annwali dwar it-tweġibiet li ntbagħtu wara l-iskadenza legali hija pprovduta fit-Taqsima 2.6, u l-istatistika tal-Istati Membri individwali dwar it-tweġibiet li ntbagħtu tard fit-Taqsima 3.

**Għadd totali ta' tveġibiet mibgħuta wara l-iskadenza,
għal kull Stat Membru, 2020 - 2024**



Għadd ta' talbiet mhux imwiegħba fl-aħħar jum ta' kull sena, għal kull Stat Membru



Aktar minn **500 000 tveġiba ntbagħtu wara l-iskadenza legali** bejn l-2020 u l-2024; dan jammonta għal **9,7 % tal-għadd totali** ta' tveġibiet mibgħuta matul dak il-perjodu. Barra minn hekk, ġew irreġistrati **38 000 talba li għadditilhom l-iskadenza għal tveġiba**; dawn jammontaw għal **0,7 % tat-talbiet kollha**.

Dawn iċ-ċifri juru **titjib sinifikanti** fl-ġhoti ta' tveġibiet fil-ħin għat-talbiet. Meta mqabbel mad-data ta' referenza għall-2019³⁰, **l-għadd ta' tveġibiet li ntbagħtu tard naqas bin-nofs** u l-għadd ta' **talbiet li għadditilhom l-iskadenza naqas b'aktar minn ħames darbiet**.

Minkejja t-tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' tveġibiet li ma josservawx l-iskadenzi legali, il-problema ta' tveġibiet li jintbagħtu tard, li diġà ġiet innotata fir-Rapporti Statistiċi preċedenti, għadha tippersisti f'diversi Stati Membri. Għalkemm il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom taħt iż-0,5 % tat-tveġibiet li jintbagħtu tard, **il-problema biex jiġu rrispettati l-iskadenzi** tikkonċerna l-aktar lil daww l-Istati Membri li kellhom **iħabbtu wiċċhom ma' volum kbir ta' talbiet għall-informazzjoni**³¹ (PL: 22 % tat-tveġibiet tagħha intbagħtu tard bejn l-2020 u l-2024, li jammontaw għal 190 800 tveġiba li ntbagħtu tard), RO (18 %; 163 700), EL (13 %; 31 200), HR (11 %; 27 000), BG (10 %; 24 900), IT (9 %; 5 900)), iżda wkoll diversi Stati Membri oħra (BE (43 %; 39 700), MT (17 %; 700), LV (9 %; 5 700), SI (9 %; 3 000), PT (7 %; 6 600)).

Il-problema tat-talbiet li **għadditilhom id-data ta' skadenza għal tveġiba**, u b'hekk irriżultaw jew fi tveġibiet li ntbagħtu tard jew baqgħu mhux imwiegħba, **kienet marġinali**. Din kienet tikkonċerna 3,5 % tat-talbiet fil-Greċja (9 600 talba bi skadenza maqbuża), 3 % tat-talbiet fil-Bulgarija (10 100), 2 % tat-talbiet fil-Kroazja (5 900), 2 % tat-talbiet fil-Belġju (1 800), 2 % tat-talbiet fil-Lussemburgu (600), 1 % tat-talbiet fil-Polonja (6 500) u 1 % tat-talbiet fi Franza (1 600).

➤ **Titjib sinifikanti fl-ġhoti ta' tveġiba għal talbiet sal-iskadenza**

Meta mqabbel mad-data ta' referenza għall-2019, **l-għadd ta' tveġibiet li ntbagħtu tard naqas bin-nofs** fil-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2024, u l-għadd ta' **talbiet li kienet għadditilhom l-iskadenza għat-tveġiba, naqas b'aktar minn ħames darbiet**. Madankollu, **intbagħtu 500 000 tveġiba wara l-iskadenza legali (9,7 % tal-għadd totali ta' tveġibiet)**, u ġew irreġistrati **38 000 talba li għadditilhom l-iskadenza għat-tveġiba (0,7 % tat-talbiet kollha)**.



Il-problema ta' tveġibiet li ntbagħtu tard kienet tikkonċerna l-aktar lill-Istati Membri li ħabbtu wiċċhom ma' volum kbir ta' talbiet għall-informazzjoni (il-Polonja, ir-Rumanija, il-Greċja, il-Kroazja, il-Bulgarija u l-Italja), iżda mhux biss (il-Belġju u Malta).

2.8. Talbiet għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali u għal finijiet oħra

Il-graffs ta' hawn taħt juru l-proporzjonijiet rispettivi tat-talbiet għall-fini ta' proċedimenti kriminali u talbiet għal finijiet oħra fil-perjodu tar-rapportar ta' bejn l-2020 u l-2024 kollu kemm hu u kull sena.

³⁰ 190 000 tveġiba li ntbagħtu tard (18,4 % tat-tveġibiet kollha); 42 000 talba li għadditilhom l-iskadenza għat-tveġiba.

³¹ Bl-eċċezzjoni ta' Franza.



Għal bosta snin is-sehem tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali kien fil-medja ta' 20 % tat-talbiet kollha. Kif intqal aktar 'il fuq, **fl-2019 seħħet bidla fundamentali fl-użu tas-sistema, li bdiet tiġi kkonsultata għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali bl-istess frekwenza bħal dik għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali (50/50 %).**

Din it-tendenza kompliet matul is-snin ta' wara, u fl-2024 **it-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali laħqu 56 % tat-talbiet kollha, jiġifieri 692 500.** L-għadd ta' talbiet għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali baqa' stabbli, għal madwar 540 000.

Iż-żieda fit-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali hija dovuta l-aktar **għaż-żieda qawwija fit-talbiet għall-fini ta' reklutaġġ f'attivitajiet professjonali jew volontarji organizzati li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal, f'konformità mad-Direttiva 2011/93/UE.**³² Fl-2024 intbagħtu b'kollox 233 400 talba bħal dawn, ferm aktar mill-115 000 mibgħuta fl-2019. It-tieni fattur kontribwenti kien **kważi l-irduppjar tal-għadd ta' talbiet ġenerali għal finijiet amministrattivi** meta mqabbel mal-2019, li rriżulta f'34 100 talba bħal dawn fl-2024. It-tielet, l-għadd ta' talbiet relatati mal-iskrinjar għall-impjieg kien ta' 14 000, **seba' darbiet ogħla fl-2024 milli fl-2019.** L-għadd annwali ta' talbiet magħmula minn individwi għar-rekord kriminali tagħhom stess baqa' kważi fl-istess livell għoli mill-2019 ta' 380 400 talba.

Il-Ġermanja hija l-Istat Membru l-aktar responsabbli għaż-żieda fl-għadd ta' talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali, bi kważi **2 miljun talba bħal dawn (68 % tat-talbiet kollha għal finijiet oħra)** mibgħuta bejn l-2020 u l-2024.

Fl-2024, il-biċċa l-kbira tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali xorta saru minn **individwi li kienu qed ifittxu li jiksbu informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tagħhom stess: 55 % tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali** u 31 % tat-talbiet kollha mibgħuta. Madankollu, is-sehem tat-talbiet għal dawn il-finijiet naqas mis-70 % fis-sena ta' referenza 2019. It-tieni l-ogħla għadd ta' talbiet kienu relatati **mar-reklutaġġ f'konformità mad-Direttiva 2011/93/UE (34 % tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali**³³, żieda minn 22 % fl-2019). Is-sehem tat-talbiet ġenerali għal **finijiet amministrattivi** żdied minn 3,8 % tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali fl-2019 għal 5 % fl-2024 (u 3 % tat-talbiet kollha), it-tielet l-ogħla sehem. L-għadd ta' talbiet **biex tinkiseb nazzjonalità differenti** kien erba' darbiet ogħla fl-2024 milli fl-2019, u tqiegħed fir-raba' pożizzjoni bi **2,5 % (17 400).** Fl-aħħar nett, it-talbiet relatati mal-iskrinjar għall-impjieg ammontaw għal **2 % tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali.**³⁴

Peress li **l-użu tal-kategoriji ta' finijiet tat-talbiet**, meta tintalab informazzjoni permezz tal-ECRIS, **ivarja ħafna fost l-Istati Membri**, ma huwiex possibbli li wieħed jasal għal konklużjonijiet sodi mill-istatistika attwali dwar l-għadd ta' talbiet f'kull **subkategorija**. Xi Stati Membri għandhom it-tendenza li jużaw biss kategoriji ta' talbiet ġenerali, eż. “fini amministrattiva” jew “skrinjar għall-impjieg”, minflok ma jindikaw il-fini speċifika tat-talba.

L-istatistika turi wkoll li **diversi Stati Membri jużaw l-ECRIS esklużivament jew kważi esklużivament għall-finijiet ta' proċedimenti kriminali** (il-Belġju – 100 % tat-talbiet

³² Id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

³³ 19 % tat-talbiet kollha li saru.

³⁴ Għal aktar dettalji dwar l-għadd ta' talbiet għal diversi kategoriji ta' finijiet bejn l-2020 u l-2024, ara t-Taqsima 2.7 tal-SWD.

tiegħu; l-Ungerija u s-Slovenja – 99 %; il-Kroazja u l-Lussemburgu – 96 %; l-Irlanda – 93 %; l-Italja – 91 %; is-Slovakkja – 86 %). Min-naħa l-oħra, xi Stati Membri jitolbu informazzjoni **kważi esklużivament għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali** (Spanja – 97 % tat-talbiet tagħha; il-Greċja – 93 %; iċ-Ċekja – 88 %; Ċipru – 97 % tat-talbiet tagħhom fl-2022 u fl-2024). Dawn it-tendenzi t-tnejn li huma jwasslu għal nuqqas ta' informazzjoni vitali, li jista' jkollu konsegwenzi traġiċi.

➤ **L-ECRIS użata aktar spiss għall-finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali milli għall-fini ta' proċedimenti kriminali!**

Fl-2019 bdiet **bidla fundamentali fl-użu tal-ECRIS**, bis-sistema tiġi kkonsultata dejjem aktar ta' spiss għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali (eż. skrinjar ta' qabel l-impjieg, talbiet dwar ir-rekord kriminali proprju, eċċ.). Fl-2024, dawn it-talbiet laħqu **56 % tat-talbiet kollha mibgħuta, ekwivalenti għal 692 500 talba.**


Din iż-żieda hija dovuta l-aktar għal tliet fatturi. L-ewwel nett, l-**irduppar**, meta mqabbel mal-2019, **tal-għadd ta' talbiet għall-fini ta' reklutaġġ f'attivitajiet li jinvolvu kuntatt mat-tfal**, f'konformità mad-**Direttiva 2011/93/UE** (233 400 talba, li jammontaw għal 34 % tat-talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali). It-tieni, **għadd kbir ta' talbiet minn individwi għal informazzjoni dwar ir-rekord kriminali tagħhom stess** (380 400 talba, 55 %). It-tielet, **kważi l-irduppar tat-talbiet ġenerali għal finijiet amministrattivi** (34 100 talba, 5 %).

2.9. Talbiet li jikkonċernaw ċittadini tal-UE u Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (TCN)


Il-graffs ta' hawn taħt jirrappreżentaw il-proporzjonijiet rispettivi tat-talbiet li jikkonċernaw lil ċittadini tal-UE u t-talbiet li jikkonċernaw lil TCN fil-perjodu tar-rapportar ta' bejn l-2020 u l-2024 kollu kemm hu u kull sena.³⁵

³⁵ Ara wkoll it-tabella fit-Taqsima 2.8 tal-SWD.

Talbiet skont in-nazzjonalità, 2020-2024



Għadd annwali ta' talbiet skont in-nazzjonalità



Bħala medja, **93 %** tat-talbiet kollha mibgħuta bejn l-2020 u l-2024 kienu jikkonċernaw **ċittadini tal-UE**, filwaqt li madwar **7 %** (378 400 talba) **kienu jikkonċernaw lil TCN**. Is-sehem ta' talbiet għal persuni apolidi kien negliġibbli (0,01 %, jew 550 talba).

Għalkemm **is-sehem tat-talbiet għall-informazzjoni dwar TCN** baqa' **fl-istess livell** mill-2019 'l hawn, **l-għadd attwali ta' talbiet bħal dawn kiber** b'mod kostanti biex laħaq **88 600 fl-2024**.

Fl-2019 ġie adottata leġislazzjoni supplimentari³⁶ li stabbiliet sistema ċentralizzata tal-ECRIS-TCN li tippermetti l-identifikazzjoni effiċjenti tal-Istati Membri li jkollhom informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' TCN li jkunu ġew ikkundannati fl-UE. Ladarba s-sistema tibda taħdem, din se tippermetti skambji aktar effiċjenti ta' informazzjoni dwar it-TCN permezz tal-ECRIS, li huwa mistenni li jwassal għal żieda konsiderevoli fl-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni.

➤ **L-ECRIS għadha tintuża b'mod rari għat-TCN**



Bejn l-2020 u l-2024, bħala medja, **93 %** tat-talbiet kollha kienu jikkonċernaw **ċittadini tal-UE**, filwaqt li madwar **7 %** **kienu jikkonċernaw ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi**. L-għadd ta' talbiet għall-informazzjoni dwar TCN **kiber** b'mod kostanti mill-2017, biex **fl-2024 qabeż it-88 000**. Ladarba l-ECRIS-TCN tibda taħdem, huwa mistenni li l-għadd ta' skambji permezz tal-ECRIS li jikkonċernaw it-TCN jiżdied b'mod konsiderevoli.

2.10. Tweġibiet li fihom informazzjoni dwar kundanni

Il-graffs ta' hawn taħt juru l-proporzjonijiet rispettivi tat-tweġibiet għal talbiet li jkun fihom informazzjoni dwar kundanna waħda jew aktar, tweġibiet b'ebda kundanna, ċaħdiet ta' talbiet u tweġibiet oħra fil-perjodu tar-rapportar ta' bejn l-2020 u l-2024 kollu kemm hu u għal kull sena.³⁷

³⁶ Ir-Regolament 2019/816/UE li jistabbilixxi l-ECRIS-TCN, ĠU L 135, 22.05.2019, p. 1; Id-Direttiva 2019/884/UE.

³⁷ Ara n-nota 11 f'qiegħ il-paġna. Ara wkoll it-tabella fit-Taqsima 2.9 tal-SWD.



Fit-13-il sena minn mindu bdiet taħdem l-ECRIS, **medja ta' 23 % tat-tweġibiet kienu jinkludu informazzjoni dwar kundanni preċedenti**. Dan ifisser li **fi kważi każ wieħed minn erbgħa, il-persuna kkonċernata kienet diġà ġiet ikkundannata** darba jew iżjed, li juri s-siwi tal-ECRIS bħala għodda għall-kisba ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali.

Għal bosta snin, dan il-perċentwal baqa' f'livell stabbli ta' madwar 30 %, qabel ma **naqas f'daqqa għal 19 % fl-2019** u mbagħad għal **16,6 % fl-2024**, fl-istess waqt li seħħet żieda drammatika fl-għadd ta' talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali. Il-fatt li l-maġġoranza tal-individwi suġġetti ta' talba għal informazzjoni relatata ma', pereżempju, verifiki għar-reklutaġġ, il-kisba ta' liċenzji jew għal finijiet amministrattivi ma kellhomx kundanni preċedenti, huwa **sinjal pożittiv**.

Fl-2024, it-tweġibiet li jinkludu informazzjoni dwar kundanni rrappreżentaw **197 600** tweġiba għat-talbiet kollha għall-informazzjoni (żieda minn 188 000 fl-2019). It-tweġibiet b'ebda informazzjoni dwar kundanni kienu jammontaw għal 78 % tat-tweġibiet kollha, bit-tweġibiet oħra u bit-talbiet miċħuda jammontaw għal 5 % tat-total.

- **Mit-tweġibiet 16,6 % biss żvelaw l-eżistenza ta' kundanni kriminali preċedenti**
Fit-13-il sena minn meta l-ECRIS bdiet taħdem, bħala medja, **23 % tat-talbiet għall-informazzjoni rċevew tweġibiet li kien fihom informazzjoni dwar kundanni kriminali preċedenti** tal-persuna kkonċernata. Biż-żieda drammatika mill-2019 fl-għadd ta' talbiet għal finijiet oħra li ma humiex proċedimenti kriminali, fejn il-persuni kkonċernati normalment ma jkunux ġew ikkundannati qabel, **dan il-perċentwal kompla jonqos, u laħaq 16,6 % fl-2024**. Madankollu, aktar minn **197 000** tweġiba dik is-sena kien fihom informazzjoni dwar kundanni preċedenti.